# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udejnza ta' Tnejn 21 ta' Novembru 2022**

**Talba nru. 202/2020**

**SIMONDS FARSONS CISK PLC
(C-113)**

*VERSUS*

**GATT NIGEL ET**

B'Avviz tat-Talba ipprezentata fl-1 ta' Settembru 2020 (a fol 1 et seq), is-socjeta attrici talbet lill-konvenuti sabiex jigu kkundanati ihallsu s-somma ta' elfejn tmien mija u sita u tletin Ewro u wiehed u sebghin centezmu (Eur 2,836.71) liema somma kienet dovuta bhala prezz ta' merca li giet mibjugha u kkonsenjata lill-konvenuti u liema somma baqghet ma gietx imhallsa.

Is-socjeta attrici ippremettiet illi l-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex jghaddu ghall-hlas ta' l-ammont surriferit anke permezz ta' ittra ufficjjali bin-numru 2273/2019 izda dawn baqghu inadampjenti.

Bl-Ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata tal-prezenti rikors, inkluz ta' l-itra ufficjali numru 2273/2019, kif ukoll b'rizerva ghal kwalsiasi ammont ulterjuri li talvolta jista jkun dovut lis-socejta attrici.

Il-Konvenuti Xylon Aquilina u Nigel Gatt ressqu risposta fl-24 ta' Dicembru 2020 (a fol 10) fejn eccepew hekk:-

Illi l-Konvenut Xylon Aquilina qieghed jikkontesta l-ammont ghaliex l-imsemmi ammont mhux dovut mill-konvenut Aquilina. Illi l-attrici ghandhom isejjhu lill-omm l-konvenut Xylon Aquilina fil-kawza ghaliex skond kuntratt illi hija iffirmat, hija kienet obbligat illi thallas l-ammonti li

qeghdin jintalbu fil-kawza u dan kif ser jigi pruvat fil-kawza. Bl-Ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-attrici.

It-Tribunal sejjer jghaddi sabiex in sintezi jistabilixxi x'sehh matul is-seduti:-

Fil-mori tal-proceduri senjalament fl-udjenza tat-13 ta' Lulju 2021 (a fol.14), ir-rapprezentant legali tal-konvenut Xylon Aquilina ipprecizat illi r-risposta mressqa fl-24 ta' Dicembru 2020 kienet ristretta solament ghall-konvenut Xylon Aquilina u li l-eccezzjonijiet imressqa fl-istess kienu jappartjenu biss ghall-konvenut Xylon Aquilina biss.

It-Tribunal fid-dawl ta' dak li kien gie precizat, irretifika il-verbal tieghu stess a fol. 12 fejn allura r-risposta imressqa fl-24 ta' Dicembru 2020 u l-eccezzjonijet hemm hekk imfissra kienu jappartjenu ghal Xylon Aquilina biss. Ghaldaqstant irrizulta illi kien ghad baqa li l-konvenut l-iehor u cioe Nigel Gatt jigi notifikat.

Illi fil-15 ta' Novembru 2021, il-konvenut Nigel Gatt ressaq risposta fejn eccepixxa hekk:-

Preliminarjament kif ser jirrizulta mit-trattazzjoni tal-kawza, l-konvenut mhux il-legittimu kontradittur tas-socjeta attrici. Illi fil-mertu is-somma mitluba mhix dovuta mill-konvenut lis-socjeta attrici fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza.

Ghaldaqstant it-talbiet tas-socjeta attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom bl-ispejjez. Salv eccezjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjez.

Illi fis-seduta ta' l-24 ta' Novembru 2021, il-partijiet infurmaw lit-Tribunal illi kien hemm possibilta li tali kawza tigi tranzatta. Minkejja dan, fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2022 it-Tribunal gie infurmat illi tali ftehim ma sehhx u ghaldaqstant issokta bis-smiegh tal-provi.

Fis-seduta tal-21 ta' Gunju 2022, (a fol. 34) it-Tribunal gie infurmat mir-rapprezentant legali tas-socjeta attrici illi kien intlahaq ftehim kif ukoll modalita ta' kif il-kreditu pretiz mis-socjeta attrici ghandu jigi rifuz lura u mhallas mill-konvenuti rispettivament. It-Tribunal gie ipprezentant repayment schedule datat 24 ta' Marzu 2021 (a fol. 36) bejn is-socjeta attrici u l-konvenut Xylon Aquilina u kif ukoll repayment schedule datat 13 ta' Mejju 2022 bejn is-socjeta attrici u l-konvenut Nigel Gatt (a fol 38).

Fid-dawl ta' dan kollu s-socjeta attrici u l-konvenut Nigel Gatt iddikjaraw provi maghluqa filwaqt illi fl-assenza tal-konvenut Xylon Aquilina u r-rapprezenant legali tieghu u ta' l-izviluppi processwali registrati fl-istess udjenza, t-Tribunal ghalaq il-provi tal-konvenut Xylon Aquilina u l-partijiet talbu li tali kawza tmur ghas-sentenza.

It-Tribunal ha konjizzjoni tal-provi imressqa mis-socjeta attrici u cioe ta' Rita Gatt a fol.26-28 inkluz dawk doukumentarji partikolarment dawk a Fol 36 sa Fol 42 stante illi dawn kienu l-unici provi li gew ipprezentati anke minhabba li ma' l-gheluq tal-provi tas-socjeta attrici, l-partijiet lahqu ftehim u modalita ta' pagamenti.

It-Tribunal jikkunsidra:-

Illi minkejja l-eccezzjonijiet imressqa miz-zewg konvenuti, fil-kors tal-proceduri ma tressqet l-ebda difiza u ebda prova in kontradizzjoni min-naha tal-konvenuti. It-Tribunal jifhem illi dan ma sehhx minhabba illi fl-istess kors tal-proceduri kienu ghaddejjin diskussjonijiet bejn il-partijiet illi wassal ghaz-zewg ftehim datata 24 ta' Marzu 2021 u 13 ta' Mejju 2022 illi fihom l-istess konvenuti accettaw li huma debituri fil-konfront tas-socjeta attrici.

Illi kif jidher mid-dokument prezentat li jinsab a fol. 42, minkejja li l-ammont pretiz mis-socjeta attrici huwa ta' Eur 2836.71, l-ammont pendenti wara li gew fis-sehh il-ftehim surriferiti li jistabilixxi l-modalita ta' pagamenti min-naha tal-konvenuti jammonta ghal elfejn hames mija u wiehed u ghoxrin Ewro u wiehed u hamsin centezmu (Eur 2521.51) u dan skond il-bilanc imnizzel a fol 42 dovut solament lis-socjeta attrici. Illi din il-prova minnha nfisha wkoll twassal ghal prova sodisfacenti li turi li l-ammonti pretizi huma dovuti mill-konvenuti.

L-iskritturi li gew iffirmati fil-mori ta' din il-kawza prezentati mis-socjeta attrici u li fuqom hemm il-firem taz-zewg konvenuti huma cari u ma jhallu l-ebda lok ghal interpretazzjoni.

Illi ghalhekk, in vista ta' dawn iz-zewg ftehim iffirmati mill-konvenuti, it-Tribunal sejjer jghaddi biex jilqa t-Talba b'ammont ridott sabiex jirrifletti l-istess ftehim li sar bejn il-partijiet u l-hlasijiet li ga bdew isiru akkont ta' l-ammont pretiz.

**Decide**

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jiddeciedi din it-Talba billi jilqa t-talba tas-socjeta attrici limitatament ghall-ammont li ghad baqa jithallas u jikkundanna lill-konvenuti solidament bejnietom ihallsu lis-socjeta attrici l-ammont ta' elfejn hames mija wiehed u ghoxrin Ewro u wiehed u hamsin centezmu (Eur 2521.51) bl-imghax legali mill-1 ta' Settembru 2020.

L-Ispejjez ta' dawn il-proceduri inkluz dawk ta' l-ittra uficcjali jithallsu fl-intier taghhom mill-konvenuti.

**Dr. Duncan Borg Myatt B.A.,LL.D**
Gudikatur